**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**
**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 466/2023**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Zachary Zammit)**

**vs**

**Christian CALI`**

**Illum, 26 ta' Marzu 2025**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tad-29 ta' Novembru 2023, fil-konfront ta' **Christian CALI`**, iben Giuseppe u Zelda-Josephine nee` Zerafa, imwieled il-Pieta`, Malta nhar id-19 ta' Mejju 2000, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 181700(L), u residenti ġewwa 93, Parades Street, San Pawl il-Baħar, li ġie mixli talli:

   Nhar l-20 ta' Jannar 2023, għall-ħabta ta' bejn l-22:00hrs u l-23:00 hrs, ġewwa ġnien pubbliku li jinsab fl-akkwati ta' Pendergardens, Triq Gort, San Ġiljan:

1. Ikkommetta serq ta' mobile, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza, bil-valur li ma jeċċedix l-elfejn, tlett mija u disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċentezmu (€2329.37) u bil-ħin, u li sar għad-dannu ta' Berat Yildizhan;

2. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed fil-periklu għall-ħajja, volontarjament ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Berat Yildizhan, skont kif ġie iċċertifikat minn Dr. Chantel Zammit Med. Reg. 6570 ġewwa l-Isptar Mater Dei;

3. Bla ordni skont il-liġi tal-awtorita` kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, żamm, jew issekwestra lil Berat Yildizhan kontra l-volonta` tiegħu u dan bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra u/jew biex ikun imġiegħel jaċċetta li jagħmel xi trasferiment ta' ħwejjġu;

4. Ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

5. Volontarjament kiser l-ordni u l-paċi pubbliku;

6. Irrenda ruħu reċediv.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 49, 50, 86, 87(1)(ċ), 221(1), 261(a)(ċ)(f), 262(1)(a)(b)(2), 267, 270, 274(ċ), 275, 277(a), 279(a), 280(2) u 338(dd) tal-Kodiċi Kriminali u l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, sabet lill-imputat (illum, l-appellat) **Christian CALI`** ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal piena ta' tmintax (18)-il xahar priġunerija, li minnhom għandu jitnaqqas iż-żmien li l-appellat għamel taħt arrest preventiv.

   In oltre il-Qorti ordnat li matul dan iż-żmien, l-appellat ikompli jsegwi programm ta' trattament ai termini ta' Ordni ta' Trattament maħruġ skont

l-Artikolu 412D tal-Kodiċi Kriminali, anness mas-sentenza, għal żmien tlett (3) snin. Fil-kors ta' dan l-Ordni, l-appellat kellu jingħata kura psikoloġika u psikjatrika, kif rakkomandat mill-Uffiċjal tal-*Probation*, kif ukoll ikompli jindirizza l-vizzju tad-droga u *alcohol.* Ma' dan, kellu jingħata wkoll trattament għal *anger management*.

L-appellat ġie kkundannat ukoll għall-ħlas ta' multa ta' €116.47c.

Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, ordnat lill-ħati jħallas l-ammont ta' €747.82, rappreżentanti spejjeż peritali fi żmien sentejn mid-data tas-sentenza.

A tenur tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-appellat, favur Berat Yildizhan għal żmien tlett (3) snin mid-data tas-sentenza.

In oltre, kif provdut fl-Artikolu 57 tal-Att dwar l-Armi, il-Qorti ħassret kull liċenzja maħruġa taħt dan l-Att u pprojbiet lill-appellat milli jkollu xi liċenzja taħt dan l-Att għal żmien ħames snin mid-data tas-sentenza.

Ai termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, ordnat illi fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol, l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza.

Il-Qorti ordnat illi kopja tas-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole* skont il-liġi.

Ordnat ukoll illi kopja tal-istess sentenza tiġi notifikata lill-Kummissarju tal-Pulizija (*Weapons Office*).

Finalment ordnat il-konfiska tal-*corpus delicti* (Dok. KA55/2023) u tal-oġġetti esebiti kemm il-darba dan il-każ isir *res judicata.*

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi l-Avukat Ġenerali appella minn di is-sentenza u talab lil din il-Qorti sabiex "*tirriforma s-sentenza appellata billi:*

    1. *Tikkonferma s-sentenza appellata f'dik il-parti tagħha fejn l-appellat ġie misjub ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu fuq l-ammissjoni tiegħu stess u;*

    2. *Tvarja dik il-parti tas-sentenza appellata fejn erogat il-piena u tgħaddi billi timponi piena fil-parametri tal-liġi.*"

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

4. Illi fl-udjenza tas-26 ta' Ġunju 2024, din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-appellat, wara illi Dr. Jennifer Polidano għall-Avukat Ġenerali, l-appellant odjern, iddikjarat illi ma kellhiex iżjed x'iżżid mar-rikors tal-appell tal-Avukat Ġenerali.

## E. IL- KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

5. Jirriżulta mill-atti proċesswali illi nhar it-22 ta' Jannar 2023, l-appellat tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, sabiex iwieġeb għall-akkużi fuq ċitati, u fis-seduta ta' nhar it-23 ta' Ottubru 2023, huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu. Sussegwentement, nhar id-29 ta' Novembru 2023, l-Ewwel Qorti għaddiet għas-sentenza tagħha. Kif ingħad, l-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza.

6. Illi l-aggravju mressaq mill-Avukat Ġenerali jikkonsisti filli l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet interpretazzjoni ħażina tal-liġi, u dan meta wara illi l-appellat irreġistra ammissjoni volontarja u inkondizzjonata, hija erogat piena inqas minn dik kontemplata fil-liġi għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu. Jgħid ukoll l-Avukat Ġenerali illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) aċċettat dik l-ammissjoni kif magħmula mill-appellat u

sussegwentement ipproċediet billi sabitu ħati "*tal-imputazzjonijiet addebitati lilu kif minnu ammessi*". L-Avukat Ġenerali jilmenta illi mbagħad l-istess Qorti tal-Maġistrati (Malta) għaddiet sabiex tagħmel is-segwenti kunsiderazzjoni: "*Madanakollu minkejja li ġiet reġistrata ammissjoni fuq it-tieni imputazzjoni kif lilu addebitata, u ċioe li wettaq offiżi ta' natura gravi fuq il-vittma, il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt li fil-fehma tagħha dawn l-offiżi fortunatament kienu ta' natura ħafifa kif kontemplat bl-artikolu 221(1) tal-Kodiċi Kriminali...*". Fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, ġjaladarba l-appellat irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kif miġjuba kontra tiegħu skont il-liġi, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kellha tgħaddi għas-sentenza fuq ir-reat u l-imputazzjonijiet hekk kif dedotti fiċ-ċitazzjoni, u mhux tagħmel analiżi fuq il-mertu jew ir-riżultanzi tal-provi sa dak l-istadju, u jekk l-imputazzjonijiet kif dedotti kinux sodisfaċentement u legalment ippruvati. Iżid l-Avukat Ġenerali illi kemm il-darba l-Qorti kienet qed tiddubita mill-ħtija tal-appellat jew kellha "*raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul*", il-Qorti kellha ssegwi d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 392A(3) tal-Kodiċi Kriminali.

7. Da parti tiegħu, l-appellat iqajjem żewġ punti fit-trattazzjoni orali tiegħu quddiem din il-Qorti. Il-Qorti jidhrilha illi m'għandhiex għalfejn tidħol fit-tieni punt, għal raġunijiet li se jirriżultaw evidenti iżjed 'l isfel f'din is-sentenza. In kwantu l-ewwel punt imqajjem minnu, madankollu, l-appellat jikkontendi illi la darba llum huwa skonta s-sentenza ta' priġunerija kif erogata mill-Ewwel Qorti, il-mertu tal-appell tal-Avukat Ġenerali huwa eżawrit. Din il-Qorti m'għandhiex informazzjoni dwar jekk l-appellat fil-fatt skontax is-sentenza appellata fl-intier tagħha, inkluż billi ħallas il-multa mposta u l-ispejjeż, kif indikati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha. Madankollu, fi kwalunke każ, huwa l-Artikolu 413(1)(b) u (ċ) tal-Kodiċi Kriminali illi jagħti l-jedd lill-Avukat Ġenerali li jappella fil-każijiet hemmhekk imsemmija; f'dan il-każ l-Avukat Ġenerali appella bis-saħħa tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 413(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. In oltre skont l-Artikolu 416(4) tal-istess Kodiċi Kriminali, imbagħad, "*<u>F'ebda każ</u> l-appell magħmul mill-Avukat Ġenerali jew mill-kwerelant ma jwaqqaf l-eżekuzzjoni tas-sentenza*" (sottolinear ta' din il-Qorti). Għalhekk la darba ma kienx l-appellat stess illi appella mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, iżda l-Avukat Ġenerali, l-appell odjern ma

waqqafx l-eżekuzzjoni tas-sentenza appellata, b'dan għalhekk illi fit-termini tal-liġi stess, l-appellat skonta l-piena ta' priġunerija effettiva erogata mill-Ewwel Qorti. Din hija konsegwenza ta' dak li tipprovdi l-liġi stess, li mkien ma tiddisponi illi la darba s-sentenza ta' priġunerija tiġi skontata, il-mertu tal-appell jiġi eżawrit. Għaldaqstant, din il-Qorti ma taqbilx mal-appellat f'din is-sottomissjoni tiegħu.

8. Dak li jippreokkupa lil din il-Qorti, madankollu, huwa l-fatt illi mkien fl-atti ma hemm dikjarazzjoni mill-appellat illi huwa kien qed jikkonferma l-ammissjoni tiegħu, wara t-twissija tal-Ewwel Qorti dwar il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u wara li huwa ngħata żmien sabiex jerġa' lura minnha, u dan fit-termini tal-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali.

9. Illi mill-verbal tas-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023, li fiha l-appellat irreġistra l-ammissjoni tiegħu, ġie vverbalizzat is-segwenti:

> Meta ssejhet il-kawza deher l-Ispettur Zachary Zammit.
>
> Deher l-imputat assistit minn Dr Jose Herrera.
>
> Xehdet bil-Gurament Donnalise Camilleri u esebiet Dok CC.
>
> Xehdet bil-Gurament Janette Gauci.
>
> **F'dan l-istadju qed tigi registrata ammissjoni.**
>
> **Il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kodici Kriminali w cioe wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, Din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba w hu nghata zmien xieraq sabiex jekk ried jerga lura minnha u dan anke billi kkonsulta mal-legali tieghu hekk kif il-kawza giet posposta ghal dan l-iskop.**
>
> Saru sottomissjonijiet fuq il-piena.
>
> Kawza differita ghas-sentenza ghad-29 ta' Novembru 2023 fid-9am
>
> L-imputat notifikat in awla. [enfasi ta' din il-Qorti]

10. Illi sussegwentement wara r-rikors tal-appellat tal-1 ta' Novembru 2023, sabiex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u dan sabiex huwa

jiddeponi, u wara rikors tal-Uffiċjal Prosekutur għall-Kummissarju tal-Pulizija illi permezz tiegħu huwa premetta illi kien sar jaf illi l-kawża ġiet differita għas-7 ta' Novembru 2023, iżda stante illi kien se jkun imsiefer, talab differiment, b'digriet tas-6 ta' Novembru 2023, il-Qorti laqgħet din l-aħħar talba u appuntat is-smigħ tal-kawża għall-21 ta' Novembru 2023. Dakinhar deher biss l-imputat assistit mid-difensuri tiegħu, u l-kawża baqgħet differita għas-sentenza għad-29 ta' Novembru 2023.

11. Illi għalkemm mhux ikkontestat mill-partijiet illi l-appellat filfatt irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu, u dan anke kif dikjarat fis-sentenza appellata, madankollu, fl-atti mkien ma ġie ddikjarat illi l-appellat <u>reġa' tenna l-ammissjoni tiegħu</u>, wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u wara illi ngħata ftit taż-żmien sabiex jerġa' lura minnha, fit-termini tal-Artikolu 392A(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali. L-Artikolu 392A jgħid hekk dwar l-*iter* li għandha ssegwi l-Qorti f'każ illi l-persuna akkużata tirreġistra ammissjoni:

> (1) Jekk l-akkużat, bi tweġiba għall-mistoqsija fl-artikolu 392(1)(b) u fi kwalunkwe stadju tal-proċeduri, jistqarr li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat u l-imsemmi reat ikun suġġett għal piena ta' mhux aktar minn tnax-il sena priġunerija, il-qorti twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba, u tagħtih ftit taż-żmien biex jerġa' lura minnha.
>
> (2) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (3) u minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra, jekk l-akkużat jibqa' jtenni fit-tweġiba tiegħu li hu ħati tar-reat li bih ikun akkużat, <u>din it-tweġiba għandha tiġi rreġistrata</u>, u il-Qorti bħala qorti ta' ġudikatura kriminali għandha tgħaddi 'l quddiem biex tagħti lill-akkużat dik is-sentenza li għandha tingħata skont il-liġi kontra akkużat li jinsab ħati tar-reat u tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza. [sottolinear tal-Qorti]

12. Illi kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tat-8 ta' Marzu 2024, fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Leon Farrugia**</u>:

> Illi dan l-*iter* irid jiġi osservat skrupolożament u dan għaliex minn dak il-mument 'il quddiem l-ammissjoni titqies bħala l-aqwa prova tal-ħtija tal-imputat għar-reati li jkun ġie mixli bihom. Tant hu hekk illi l-Qorti tista' ma tistrieħx fuq din il-prova magħmula permezz tal-ammissjoni u dan kif hemm rifless fis-sub-inċiż (3) għall-artikolu 392A meta tkun tal-fehma illi hemm raġuni tajba biex wieħed jiddubita jekk ir-reat kienx ġie tassew magħmul, jew jekk l-akkużat hux ħati tar-reat. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-qorti ikollha s-setgħa li tordna li l-proċeduri jitkomplew daqslikieku l-imputat ma jkunx wieġeb li hu ħati.

13. Illi hawnhekk l-istess Qorti rreferiet għal sentenza oħra ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, tal-15 ta' Settembru 2022, fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Annabelle Camilleri</u>**. F'dik is-sentenza ngħad hekk:

> 6. Ikun biss wara li l-imputat ikun <u>reġa' tenna l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu</u> li l-Qorti tkun tista' mbagħad tgħaddi għas-sentenza. Jiġi ribadit li din mhix sempliċi formalita' iżda rekwiżit essenzjali fil-proċess penali peress li jassikura li l-imputat - qabel ma jibda jiskonta l-piena li l-Qorti imbagħad bilfors tkun trid timponi fuqu għar-reati li jkun ammetta għalihom - ikun deċiż f'dik l-ammissjoni tiegħu għaliex ġjaladarba dik l-ammissjoni tiġi mtennija din tiġi irreġistrata fl-atti tal-kawża skont l-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali u minn dak il-mument il-quddiem dik l-ammissjoni titqies bħala l-aqwa prova tal-ħtija tal-imputat għar-reati li jkun ġie mixli bihom. [sottolinear ta' dik il-Qorti]
>
> 7. L-effett legali ta' dik l-ammissjoni jġib miegħu is-sejbien ta' ħtija tal-imputat għal dawk ir-reati kollha li jkun ammetta għalihom inkondizzjonatament. F'każ fejn ma jkunx ammetta għall-imputazzjonijiet b'mod inkondizzjonat, il-Qorti tipproċedi biex tkompli għaddejja bis-smigħ tal-kawża fir-rigward tar-reati jew addebiti kontestati. Iżda meta l-ammissjoni tkun reġistrata b'mod inkondizzjonat, l-ammissjoni reġistrata legalment titqies il-"prova reġina" tal-ħtija tal-imputat għar-reati u addebiti miġjuba kontrih – u li tagħhom ikun imbagħad soġġett għall-piena li l-Qorti tal-Maġistrati jkun jidhrilha xierqa li timponi f'dak il-każ partikolari. B'dik l-ammissjoni, meta reġistrata skont il-Liġi, l-imputat ikun qiegħed jirrikonoxxi li huwa jkun wettaq ir-reati kontestati lilu fl-att akkużatorju u fil-każ li jkun addebitat bir-

reċidiva (jew ksur ta' ordni ta' probation, ksur ta' digriet konċedenti ħelsien mill-arrest, twettieq ta' reat fil-perjodu operattiv ta' sentenza ta' priġunerija sospiża eċċetra) l-imputat ikun ukoll aċċetta u rrikonoxxa li meta wettaq ir-reati kontestati lilu, huwa kien, f'dak il-mument, qed iwettaq ir-reat kif kwalifikat bl-addebitu tar-reċidiva, ksur ta' ordni ta' probation, eċċetra.

8. Bl-att tal-ammissjoni tiegħu l-imputat ikun qiegħed jeżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq provi relattivi għall-fini ta' sejbien ta' ħtija tal-imputazzjonijiet jew addebitu kontestat lilu u dan peress li l-ammissjoni ħielsa imtennija tiegħu titqies li tkun prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li huwa jkun verament wettaq ir-reati u/jew l-addebiti skont kif ikunu ġew kontestati lilu.

9. Jekk l-imputat ikollu xi dubju jew ma jkunx konvint minn dak li jkun qed jiġi kontestat lilu, huwa ħieles li ma jammettix u l-każ ikompli bil-proċedura normali. Iżda ġaladarba l-imputat ikun liberament u bl-għarfien tan-natura tal-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u l-konsegwenzi naxxennti mill-ammissjoni, irreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet u/jew l-addebitu tar-reċidiva u din l-ammissjoni tkun ġiet imtennija, allura ftit hemm xi tgħid iżjed. Huwa jkun irrikonoxxa l-ħtija tiegħu u jkun irrikonoxxa wkoll li issa jkun irid joqgħod għall-piena skont il-Liġi.

…

11. … l-Artikolu 392A(2) tal Kodiċi Kriminali huwa ċar in kwantu jqis bħala ammissjoni valida u reġistrabbli **<u>biss</u>** dik imtennija mill-imputat wara li tkun ġiet segwita l-proċedura spjegata iżjed il-fuq skont l-artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali [enfasi ta' dik il-Qorti]

14. Illi kompliet hekk il-Qorti fis-sentenza **<u>Il-Pulizija vs Leon Farrugia</u>**, fuq ċitata:

Illi huwa stabbilit fil-ġurisprudenza illi meta l-verbali fl-atti proċesswali ma jkunux jirriflettu il-proċedura mfassla fl-artikolu 392A tal-Kodiċi Kriminali, kwalunkwe sejbien ta' ħtija bbażata fuq tali ammissjoni mhux irreġistrata skont il-liġi titqies li hija nulla u li għalhekk la torbot u l-anqas tipproduċi effetti jew

konsegwenzi billi dan jikkostitwixxi difett proċedurali serju li jġib bħala konsegwenza in-nullita' tas-sentenza bbażata fuq ammissjoni li hija difettuża.

15. Illi hawnhekk, fl-istess sentenza, din il-Qorti, kif diversament preseduta, reġgħet irreferiet għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Annabelle Camilleri**, fejn il-Qorti kompliet hekk:

> 13. Inoltre, **fl-eventwalita' li l-verbali tal-atti proċesswali ma jkunux jirriflettu li l-proċedura preskritta mill-Artikolu 392A(1) tal-Kodiċi Kriminali ġiet segwita ad unguem, il-pożizzjoni prevalenti hija li kwalunkwe sejbien ta' ħtija bażata fuq dik it-tip t'ammissjoni titqies li hija nulla u ma bħala tali la torbot u l-anqas tipproduċi effetti jew konsegwenzi**. **Il-ġurisprudenza tqis dan in-nuqqas bħala difett proċedurali serju u sostanzjali li jġib in-nullita' tas-sentenza kundannatorja bażata fuq ammissjoni difettuża.** [1] Fl-appelli kriminali **Il-Pulizija vs. Gary Grech u Dino Bonnici** tal-10 ta' Jannar 2003 kif **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** deċiż fis-17 ta' Lulju 2002 intqal:
>
>> Ma huwiex ghal kollox car jekk l-ewwel qorti ottemperatx ruhha ma' dak li jipprovdi s-subartikolu (1) tal-Artikolu (gdid) 392A (li ukoll gie fis-sehh fl-1 ta' Mejju, 2002). Skond din id-disposizzjoni l-ewwel qorti kellha tapplika l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, u cioe`, wara li l-imputat wiegeb li hu hati, l-ewwel qorti kellha twissih b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtih ftit ta' zmien biex, jekk irid, jerga' lura minnha; u biss wara li tistaqsieh it-tieni darba kellha l-ammissjoni tigi registrata. Dana kollu, naturalment, kellu jirrizulta mill-verbal ta' l-udjenza tas-16 ta' Gunju, 2002, cioe` l-verbal ta' l-udjenza li fiha sar l-interrogatorju skond l-Artikoli 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali. Fl-imsemmi verbal ma jirrisulta xejn minn dan, ghalkemm fis-sentenza appellata jinghad li saret kemm l-ewwel mistoqsija kif ukoll it-tieni mistoqsija, li l-imputat inghata zmien ghat-tieni risposta, u li l-Qorti spjegatlu l-akkuza. Din il-Qorti taghmilha cara li l-appellant mhux jilmenta, fir-rikors ta' appell tieghu, minn xi nuqqas dwar il-procedura kif prevista fl-Artikolu 453(1). Dan il-punt qed jigi senjalat biss

[1] Enfasi ta' din il-Qorti.

sabiex ghall-futur wiehed joqghod attent li tigi segwita skrupolosament il-procedura korretta fil-kaz ta' ammissjoni kif prevista fl-Artkolu 392A(1), u li jkun hemm indikazzjoni fl-atti, u preferibbilment fil-verbal ta' l-udjenza li fija jkun sar l-interrogatorju, li dik il-procedura giet fil-fatt segwita, u dan sabiex ma jinqalghux kumplikazzjonijiet inutili fi stadju ta' appell.

14. Il-kontenut tal-verbali tas-seduti huwa kruċjali biex wieħed jifhem sewwasew il-mod kif il-Qorti tkun ikkonduċiet il-proċedura quddiemha u jekk u safejn dik il-Qorti tkun osservat ir-rekwiżiti proċedurali meħtieġa in kwantu dan il-kontenut tal-verbali huwa evidenza ta' dak li jkun seħħ quddiem il-Qorti f'dak il-mument partikolari. B'hekk f'ċirkostanzi fejn l-imputat ikun irid jirreġistra ammissjoni, il-preċiżjoni u d-dettal fil-verbali tal-udjenza jassumu importanza kruċjali. Din il-Qorti tifhem li għal raġunijiet ta' prattiċita' u sforz tal-kwantita' kbira ta' każijiet li l-Qrati tal Maġistrati jridu jittrattaw, mhux dejjem ikun prattikabbli għal dawk il-Qrati li fil-verbali tas-seduti jniżlu kelma b'kelma dak li jkun seħħ fl-Awla. Dan pero, jista' jkollu konsegwenzi serji fuq il-proċeduri kondotti quddiemhom. Għalkemm hemm aspetti tal-proċedura li ma hemmx għalfejn ikunu verbalizzati b'mod dettaljat ħafna, hemm oħrajn pero, bħal fil-każ t'ammissjoni inkondizzjonata, li jeħtieġu li jkunu magħmula b'reqqa kbira. Dan b'mod partikolari f'dawk il-każijiet li jkunu jaqgħu fil-kompetenza estiża tal-Qrati tal-Maġistrati, fejn il-pieni jistgħu jlaħqu sa' massimu ta' tnax il-sena priġunerija.

15. Illi l-appellat fl-ebda waqt ma kkontesta l-ammissjoni minnu reġistrata u l-ebda parti ma qajmet xi dubju f'dan ir-rigward. Madankollu, kif ingħad, il-verbal tas-seduta li fiha l-appellat irreġistra l-ammissjoni tiegħu, juri biss illi huwa wieġeb li huwa ħati tal-akkużi kif dedotti fil-konfront tiegħu, mingħajr ma ġiet eżegwita fis-sħiħ il-proċedura rikjesta fl-Artikolu 392A(1) u (2) tal-Kodiċi Kriminali, b'dan għalhekk illi għalkemm l-Ewwel Qorti wissietu bl-iktar mod solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u tagħtu żmien xieraq sabiex jekk irid, jerġa' lura minnha, anke billi kkonsulta mal-avukat tiegħu hekk kif il-kawża ġiet posposta għal dan l-iskop, fl-ebda waqt ma ġie reġistrat wara dan, illi l-appellat baqa' jtenni, fit-tweġiba tiegħu, illi huwa ħati tar-reati li bihom huwa kien akkużat. Bl-istess mod fis-sentenza appellata, jingħad illi l-appellat

"*ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu*". Jingħad ukoll "*Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-istess Kodiċi, u cioe` wara li l-imputat wieġeb li hu ħati għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba w ingħata żmien xieraq sabiex jekk ried setgħa jerġa lura minnha anke billi issospendiet il-proċeduri sakemm ingħata żmien jikkonsulta mal-abbli difensur tiegħu*", iżda ma ngħadx ukoll illi l-akkużat baqa' jtenni li hu ħati tar-reati li bihom huwa ġie mixli, fit-tweġiba tiegħu, liema tweġiba fit-termini tal-Artikolu 392A(2) kellha tiġi reġistrata. Dan in-nuqqas proċedurali jwassal sabiex jirrendi l-proċess ġudizzjarju null u dan mill-waqt illi l-ewwel Qorti ssospendiet it-tkomplija tal-kumpilazzjoni fid-dawl tal-ammissjoni tal-appellat, liema ammissjoni madankollu ma ġietx esegwita bil-mod li tirrikjedi l-liġi.

16. Illi kif qalet il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Leon Farrugia**, huwa biss mill-verbali tas-seduti miżmuma quddiem il-Qorti, illi wieħed jista' jkollu rendikont preċiż ta' dak li jkun seħħ. Fejn il-verbal ma jindikax illi l-proċedura rikjesta mil-liġi ġiet segwita, allura wieħed ma jistax jassumi illi din fil-fatt tkun ġiet hekk segwita. Huwa għalhekk neċessarju illi fejn il-liġi tipprovdi l-*iter* li għandu jiġi segwit mill-Qorti sabiex il-proċess ġudizzjarju jitqies validu, dan għandu jiġi segwit fl-intier tiegħu u jiġi reġistrat fil-verbal sabiex jirriżulta mingħajr dubju illi fil-fatt dan ikun ġie hekk segwit. Fil-każ odjern, la darba l-proċedura li għandha tiġi segwita ma tirriżultax mill-verbal tal-Ewwel Qorti, allura dan jista' biss iwassal għall-konklużjoni illi tali proċedura ma ġietx segwita, għalkemm jista' jkun illi l-Qorti tkun fil-fatt segwiet dik il-proċedura. Għalhekk bħal ma għamlet din il-Qorti, diversament preseduta, qabilha fil-każ **Il-Pulizija vs Leon Farrugia**, din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief illi tissolleva hija stess din in-nullita` proċedurali *ex officio,* u tiddikjara l-proċeduri irriti u nulli fid-dawl ta' nuqqas tal-ewwel Qorti li tosserva regola proċedurali essenzjali.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi dan l-appell tal-Avukat Ġenerali billi fid-dawl ta' difett proċedurali li seħħ quddiem l-Ewwel Qorti meta ma ġietx segwita l-proċedura ndikata fl-Artikolu 392A(2) tal-Kodiċi Kriminali, tiddikjara l-

proċeduri nulli u dan mis-seduta tat-23 ta' Ottubru 2023 'il quddiem, ossia mill-mument ta' wara x-xhieda bil-ġurament ta' Donnalise Camilleri u ta' Janette Gauci u qabel ġiet reġistrata l-ammissjoni tal-appellat. Għaldaqstant, tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tal-appell tal-Avukat Ġenerali u tordna li l-atti jiġu rimandati lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex tissokta l-proċedura li għandha tiġi segwita.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**